DEPARTMENT OF INFORMATION - MALTA

No. 1590 Press Releases

**L-M.S.A. BI TWISSIJIET DWAR 31 PRODOTT TA' PERIKLU GĦALL-KONSUMATUR**

Tul dawn l-aħħar sentejn u nofs l-Awtorita' Maltija għall-Istandards (MSA) ħarġet twissijiet dwar 31 prodott li ma kienux ta' livelli adegwati u għaldaqstant setgħu jkunu ta' periklu għall-konsumatur li jixtrihom.

Dan qalu s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Konsumatur u Kompetizzjoni Ġusta, Chris Said meta dalgħodu fetaħ seminar dwar is-sistema RAPEX organizzat mill-MSA u mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumatur (DG SANCO) tal-Kummissjoni Ewropea.

Ir-RAPEX hi sistema mhejjija u mmexxija mill-Kummissjoni Ewropea biex tassigura li prodotti li jinstab li jkunu ta' riskju serju għas-saħħa tal-konsumaturi, jkunu notifikati madwar is-suq Ewropew kollu. B'hekk il-pajjiżi membri kollha tal-UE jkunu jistgħu jieħdu miżuri f'waqthom biex jassiguraw li ħadd mill-konsumaturi ma jbati konsegwenzi ta' prodotti mhux konformi mal-liġijiet u r-regolamenti Ewropej.

Chris Said fisser dan l-aspett bħala mill-aktar interessanti fit-tħaddim tas-suq intern Ewropew. Dan għaliex jixhed is-sens ta' solidarjeta' li jeżisti bejn il-pajjiżi membri li bejniethom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom fejn tidħol sorveljanza ta' prodotti fuq is-suq.

Il-MSA organizzat dan is-seminar ta' informazzjoni għall-uffiċjali tagħha u anki għall-uffiċjali tad-Dwana. Is-seminar kien indirizzat ukoll minn żewġ uffiċjali tad-Direttorat Generali SANCO, Adam Romanowski u Stefano Soro, kif ukoll miċ-Chairman tal-MSA, Francis E. Farrugia.

**DOI – 01.09.2010**

9.3 Kbytes Last Modified on 01st September, 2010



Copyright 2000-2010, Department of Information - Government of Malta